KLR 2/VI/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2009 fil-17.00.

PREŻENTI:- Is-Sindku, Dr. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku, Robert Tabone, il-membri Marċel Tabone, Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Josef Schembri, u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet talba u ġew approvati l-minuti ta' l-ewwel laqgħa.

**1. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Billi preżenti fil-laqgħa kien hawn persuni nteressati f'mozzjoni tas-Sindku il-membri qablu din titressaq l-ewwel.

Mozzjonjiet numru 1 u numru 2 ġew imressqa mis-Sindku u ssekondati mill-membri Joseph Debrincat u Dr. Michael Portelli.

Mozzjoni numru 1

**Mozzjoni ta' Solidarjeta`**

**Bil-preżenti l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jesprimi solidarjeta' ma' l-inkwilini tal-ħwienet ta' taħt il-passaġġ msaqqaf li hemm fi Pjazza San Ġorġ u li huma jew l-*ante causa* tagħhom kienu milquta mill-esproprjazzjoni fil-ħamsinijiet (50'), sabiex tikber u titwessa Pjazza San Ġorġ, u li bħala parti mill-kumpens talli kienet itteħditilhom l-art tagħhom li huma kienu jgawdu b'titolu ta' assoluta propjeta', huma kienu ingħataw b'titolu ta' kera dawn il-ħwienet.**

**Għaldaqstant b'sens ta' ġustizzja u ekwita' il-Kunsill Lokali tal-Bet Victoria jappella sabiex filwaqt illi l-awtoritajiet konċernati jiddesistu milli jkomplu bil-proċess ta' żgumbrament ta' dawn l-inkwilini mill-fond lokatizju, jsibu soluzzjoni aċċettabli għal dawn l-inkwilini li tilfu ħafna u ħadu ftit.**

**U dan dejjem fl-interess suprem ta' Beltna.**

Is-Sindku żied li l-persuni nvoluti huma vittmi ta' esproprazzjoni u dak li tawhom tawhulhom b' titolu ta' kera. Din il-mozzjoni saret sabiex possibbilment din il-propjeta' tibqa f'idejn dawn il-persuni minħabba li qabel saret il-pjazza, il-propjeta' kienet tagħhom. Il-Viċi Sinkdu qal li meta kien Sinkdu kien tkellem mas-Seg. Parlamentari Jason Azzopardi u kien ħa l-impressjoni li fil-bidu ma kienx hemm diffikulta biex l-inkwilini ma titteħdilhomx din il-propjeta' pero' riċentament dan ma kienx minnu. Il-membri qablu unanaimamanet mal-mozzjoni.

Mozzjoni numru 2

**Mozzjoni - *Public Relations Officer (PRO)***

**Bil-preżenti l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria konxju mill-fatt:**

i. **Illi l-komunikazzjoni mal-poplu li jirrapreżenta hija mportanti u bażilari;**

ii. **Illi fil-ġurnata tal-lum u l-meżżi li evolvew maż-żminijiet għamluha iktar faċli u fl-istess ħin iktar impenjattiva illi jintlaħaq il-poplu tagħna;**

**Jasal biex jikkonkludi illi għandha tinħoloq fi ħdan il-kunsill il- kariga ta' *Public Relations Officer (PRO)* u dan sabiex il-messaġġ tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jasal b'mod effettiv u fi żmien reali.**

Is-Sinkdu spjega li s-suġġeriment tiegħu hu li dan il-PRO ikun fuq bażi *part time* u r-responsabbilitajiet tiegħu ikunu l-fuljett, *updating* tal-websajt u jirrapporta fuq l-attivitajiet u l-avvenimenti tal-Kunsill. Ir-rata tal-ħlas m'għandiex taqbeż il-€233 fix-xahar. Il-membri qablu unanimament.

Mozzjonijiet numru 3 sa numru 11 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ.

Mozzjoni numru 3 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob biex isiru *parking bays* maġenb il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone minħabba li qed jipaprkjaw bl-addoċċ u qed jintilef l-ispazju.**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) u x'ħin jinħareġ il-permess jintalab biex ix-xogħol isir minn naħa tat-Taqsima tat-Toroq peress li t-tirq hi arterja prinċipali.

Mozzjoni numru 4 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob sabiex isir puġġaman tal-ħadid fejn saru ż-żewġ turġien mal-bankina ta' madwar il-grawnd f'taċ-Ċawla H.E. Dan minħabba li qedgħin ta' periklu għall-anzjani għax m'hemmx ma fejn iżommu. Jekk isir dan it-tip ta' puġġaman jitnaqqas il-periklu li jaqa' xi ħadd.**

Il-membri qalbu li wieħed mill-ħaddiema ta' l-IPSL jgħamel puġġaman bil-kanni tal-ħadid.

Mozzjoni numru 5 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob biex isiru *parking bays* maġenb blokk B f'taċ-Ċawla H.E.**

Il-membri qablu li jsiru l-parkeġġi maġenb blokk B u blokk L.

Mozzjoni numru 6 ġiet issekondatata mil-kunsillier Debricnat.

**Nitlob biex jitneħħa l-*hedge* tal-pittisporu li hemm wara blokk HB f'taċ-Ċawla H. E. u jinbena ħajt ta' żewġ filati bħal ma sar fil-qrib. Hekk jitneħħa l-ħmieġ li hemm taħt dan il- *hedge* u l-irwejjaħ ikkaġunatai minn dan l-istess ħmieġ.**

Il-membri qablu li l-ħaddiema ta' l-IPSL jgħamlu dan ix-xogħol.

Mozzjoni numru 7 ġiet issekondata mill-kunsillier Schembri.

**Nitlob biex issir tabella li turi *dead end* fi Triq Sir M'Anġelo Refalo mal-ġenb ta' Bellusa Bar. Dan minħabba li jidħlu l-vetturi u ma jkollhomx fejn idawru.**

Il-membri qablu.

Mozzjoni numru 8 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob biex jinbidlu l-*pots* tal-qsari ta' quddiem il-Vicotria Hotspurs F.C. Dan minħabba l-fatt li nkisru b'vettura.**

Il-membri qablu li jinbiddlu mal-*pots* tal-konkos li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Pompei minħabba li kienu saru tnejn tal-plastik.

Mozzjoni numru 9 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob biex issir *road hump* fit-triq ta' quddiem blokk Ċ f'taċ-Ċawla H.E. peress li qed isir sewqan eċċessiv u jkun hemm ħafna periklu billi fil-qrib hemm il-grawnd u l-*playing field*.**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT u sadanittant, kif isir is-soltu, tintbagħat korrispondenza lir-resdienti biex il-Kunsill ikun jaf il-veduta in ġenerali.

Mozzjoni nurmu 10 ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nissuġġerixxi li tinbena kamra li tkun *bar* żgħir b' *toilet* maġenbha fil-*playing field* f'taċ-Ċawla H. E. Dan għaliex illum din i-żona qed tkun frekwentata ħafna.**

Il-membri qablu li billi l-*area* mhix f'idejn il-Kunsill, għandu jsir suġġeriment lill-Gvern Ċentrali sabiex issir latrina pubblika fl-*area* msemmija.  Rigward il-*bar* il-membri ma qablux minħabba li żona residenzjali. Ir-residenti jistgħu ikunu moqdija b'*vending machines*.

Mozzjoni numru 11 ġiet issekondatata mil-kunsillier Debrincat.

**Nissuġġerixxi li jsiru l-ismijiet ta' Triq iċ-Ċangar u Triq il-Mitħna fuq il-plakki taċ-ċeramika.**

Il-membri qablu.

Mozzjoni numru 12.

**Nissuġerixxi li l-parti ta' taħt il-loġġoġ ta' Pjazza San Ġroġ titranġa bil-madum li baqa' minn ta' Pjazza San Ġorġ biex ikun pariġġ.**

Billi l-granit li ntuża għall-Pjazza San Ġorġ sar oħxon biex jiflaħ il-vetturi, il-membri ma qablux li dan jintuża għal din l-*area*.  Peress li din il-parti taqa' taħt l-Awtorita' tad-Djar, qablu li għandu jiġi suġġerit lill-Gvern Ċentrali sabiex din tinkesa b'madum adekwat.

Mozzjonijet numru 13 sa numru 18 ġew imressqa mill-kunsillier Debricnat u ssekondati mill-kunsillier Buttiġieġ.

Mozzjoni numru 13.

**Nitlob lill-Kunsill biex isiru *parking bays* quddiem blokk L f'taċ-Ċawla H. E.**

Il-membri qablu.

Mozzjoni nurmu 14.

**Nitlob biex isiru *parking bays* fi Triq it-Tabib Anton Tabone mal-ġenb tal-ħajt tal-piċċ tal-boċċi.  Dawn iridu jsiru bil-qisien tal-karozzi u miżbugħa vertikali għall-fatt li f'din il-parti tat-triq qed jipparkjaw vetturi kbar bil-konsegwenza li jista' jkun hemm xi inċident.**

Il-membri qablu.  Ara mozzjoni numru 3.

Mozzjoni numru 15.

**Biex jinżebgħu *slow signs* fi Triq il-Kunsill Ċiviku speċjalment mal-kantuniera ta' Triq il-Far u mal-kantuniera ta' Triq l-Ewropa.  Dawn iridu jinżebgħu kemm meta wiħed ikun tiela klif ukoll nieżel.**

Il-membri qablu.

Mozzjoni numru 16.

**Biex jinżebgħu *stop signs* fil-kantuniera ta' Triq Viani ma Triq Fortuanto Mizzi u ma Triq l-Ewropa.**

Il-membri qablu li din it-talba ssir lill-Gvern Ċnetrali peress li t-toroq in kwistjoni huma arterji.

Mozzjoni numru 17.

**Issir mera fi Triq il-Kunsill Ċiviku faċċata ta' Triq tal-Far.**

Il-membri qalbu li jintalab il-permess ta' l-ADT.

Mozzjoni numru 18.

**Nitlob biex isir *railing* tal-ħadid man-naħħa tal-*playing field* f'taċ-Ċawla H. E. peress li l-anzjani qed isibu diffikulta biex jitilgħu rampa wara l-*flats*.**

Il-membri qablu.  Ara mozzjoni numru 4.

**2.	Pjazza San Ġorġ**

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza relatata max-xogħol ta' Pjazza San Ġorġ li l-Kunsill irċieva sakemm kien hawn il-proċess ta' l-elezzjonijiet tal-Kusilli Lokali.  Dawn huma mingħand:-

2.1	il-MEPA (ECF 00595/09))dwar twaqqif mix-xogħol fuq il-*feeder pillar* tad-dawl.  Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti li saret applikazzjoni mal-MEPA fis-26 ta' Mejju 2009 u l-permess inħareġ (DN 00554/09)fis-16 ta' Ġunju 2009;

2.2	Ray Piscopo li hu d-Direttur Corporate Sevices fi ħdan il-MEPA fejn bagħat kjarifikazzjoni ta' *email* preċedenti rigward il-finanzjament tal-MEPA ta' parti mill-proġett ta' Pjazza San Ġorġ.  Din tgħid li l-MEPA ivvutat €200,000 mill-fond ta' l-EIPP li jinkludi  l-bini tal-*water culverts*, titjib ta' l-ambjent, u l-illuminazzjoni tal-pjazza.  Filfatt diġa' ntużaw €106,000 għax xogħol li sar s'issa;

2.3	il-Kumitat Storiku-Kulturali fi ħdan il-Bażilika ta' San Ġorġ  fejn taw l-appoġġ tagħhom biex jitlesta l-proġett.

Is-Sindku qal li trid tinstab soluzzjoni temporanja sakemm tgħaddi l-festa ta' San Ġorġ fir-rigward tal-vetturi li jidħlu f'din il-pjazza, issa li għadu kif tlesta l-kisi bil-granit.  Il-membri qablu li Triq Karita' u Triq San Ġorġ jingħalqu temporanjament bil-*bollards* b'katnazz u ċ-ċwievet jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill.  Kull min ikun irid iħott xi affarijiet matul il-ġimgħa tal-festa jrid jieħu l-permess tal-Kunsill.  Rigward funerali u

tiġijiet il-membri qablu li fil-pjazza tkun tista' tidħol biss il-*hearse* u l-karozza ta' l-għarusa.

Tqajmet il-problema tal-porużita' tal-granti li ntuża għall-art tal-pjazza. Il-membri qablu li kemm jista' jkun għandu jitnaqqas l-użu tal-vetturi fil-pjazza biex jintaqqas iż-żejt li jista' jaqa'. Qablu wkoll li A.F. Ellis (Marbel Works Ltd.) li provda l-materjal għandu jiġi mistoqsi jekk jeżistix xi tip ta' *sealer* li jsita' jitpoġġa fuq il-granit.

**3. Approvazzjoni tal-kotba finanzjarji 2008/2009**

John Butiġieġ li hu l-*accountant* tal-Kusnill ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spjega l-kotba tas-sena finanzjarja li għaddiet. Dawn ġew approvati u jinsabu annessi f'dokument A.

**4. Pjan Lokali – *Area* tal-*Bus Terminus, Playing Field* ,Parkeġġ u Grawnd**

Is-Sindku spjega l-proposta l-ġdida li l-uffiċjali tal-MEPA resqulu rigward l-*area* tal-*bus temrinus*, *playing field*, il-parkeġġ u l-grawnd. Il-*pelican lights* ta' Triq taħt Putirjal kantuniera ma Pjazza San Franġisk u l-Qorti t'Għawdex huma nklużi f'din l-*area*. Is-Sindku tenna li ser jagħmel laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, is-Sur Edward Scerri, fejn isir rapport, jiġi approvat u l-Kunsill ikollu posizzjoni maqbula minn kull membru rigward din l-*area*.

Tqajjem il-punt rigward l-inklużjoni tal-Qorti t'Għawdex f'din l-*area*. Il-Viċi Sindku semma l-proposta li l-Qorti jinbena fl-*area* t' l-MMU fi Triq l-Imġarr. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-Qorti ma jkunx fiċ-ċentru tal-Belt. Din il-meterja għandha terġa tiġi diskussa wara li l-Kunsill ikun mgħarraf bil-veduti tal-Minsiteru għal Għawdex rigward il-post fejn għandu jinbena l-Qorti.

**5. Korrispondenza**

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-

5.1 Marco Mifsud ta' 'Daily Fresh" u David Portelli ta' 'Car Park Butcher', Triq Ġorġ Borġ Olivier, fejn talbu permess għall-*un/loading* quddiem il-ħanut tagħhom. Il-membri qablu li meta jibagħtu kopja tal-permess li jħallsu mad-Dipartiment tal-liċenzji, jintalab il-permess ta' l-ADT;

5.2 il-Fondazzjoni Oasi fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bil-permju Żgħażugħ tas-Sena 2009;

5.3 il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fejn il-Kunsill ġie rringrazjat talli pparteċipa fl-attivita' 'L-Ibliet lejn il-Majistral';

5.4 il-MEPA fejn inħareġ il-permess (PA 00321/08) sabiex isir monument f'ġieħ Dun Alwiġ Vella fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li Mons. Anton Gauci jiġi nfurmat b'dan;

5.5 l-S.K. Victoria Wanderers fejn talbu permess sabiex issir attivita' fi Pjazza Indipendenza nhar is-Sibt 29 ta' Awwissu 2009. Il-membri qablu li l-permess jinħareġ dment li jitħalla depożitu ta' €100 li jkopru t-tindif. Dan minħabba l-fatt li s-sena li għaddiet wara l-istess attivita' tħalla ħafna ħmieġ u l-Kunsill kellu jqabbad minn jeddu l-ħaddiema biex isir it-tindif;

5.6 Amy Bajada fejn issuġġeriet li torganiżża korsijiet ta' *costume jewellery* għat-tfal, matul is-sajf fil-Kunsill. Il-membri qablu li dawn isiru s-sajf li ġej peress li daħal iż-żmien;

5.7 Jessie Portelli fejn talbet sabiex jiġu organiżżati *barbecues* kull nhar ta' Sibt fl-*area* f' taċ-Ċawla H.E. Il-membri ma qablux peress li kien hemm ilmenti minħabba l-istorbju;

5.8 John. B. Paċe rigward traffiku u pparkjar bl-addoċċ fi Pjazza San Franġisk. Il-membri qablu li għandha ssir aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali.

5.9 l-Ombudsman rigward każ numru I 0321 tal-monti. L-Ombusdman talab risposta ċara rigward l-imsemmija kaxxi tal-monti li skond min qajjem il-każ dawn ilhom ħafna ma jintużaw. Billi dan hu Kunsill ġdid il-membri qablu li l-monti jiġi dikuss aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss. L-Ombudsman għandu jiġi nfurmat b'dan;

5.10 il-Gozo Agricultural, Industiral and Cultural Society fejn talbu permess sabiex jintuża l-grawnd Leli Farruġia għall-Wirja tal-Biedja u Snajja' 2009. Il-membri qablu li jiġi misluf dan il-grawnd basta jitħalla fil-kundizzjoni li jkun fiha qabel;

5.11 il-Fondazzjoni Arka li ser jorganiżżaw attivita' fit-8 ta' Awwissu fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus.* Intalbu €100 bħala għajnuna għal din il-Fondazzjoni filantropika. Il-membri qablu peress li l-Fondazzjoni Arka mniżżla fit-tmin skema ta' l-Avviż Legali tal-Kunsilli Lokali;

5.12 il-Gwardjna tal-Kunvent tal-Kapuċċini fejn talab l-intervent tal-Kunsill sabiex japplika għan-nom tiegħu sabiex id-dawl li għamel ġdid fil-faċċata tal-kunvent jiġi mqabbad mal-linja tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel u mhux ser jidħol fi spejjes;

5.13 Id-Direttur Customer Services fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nħareġ il-permess ta' l-ADT sabiex Triq tal-Far, fejn infetaħ s-Santa Marta Adult Training Centre, tkun mgħaluqa sakemm jinġabru l-perusni li jattendu f'dan iċ-ċentru li hu għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-ħinijiet huma hekk:- bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju bejn is-07.45 u t-08.15 u bejn it-14.45 u t-15.30 u matul is-sajf, mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru bejn it-07.45 u t-08.15 u 11.45 u l-12.15;

Il-kunsillier Buttiġieġ ġie skużat u ħareġ mill-kamra.

## 6. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

6.1 jinxtraw trofej għat-tiġrijiet taż-żwiemel li jsiru fiż-żewġ festi titulari;

6.2 issir attivita' tal-banda fi Pjazza Savina nhar is-6 ta' Awwissu 2009. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €466;

6.3 l-Kunsill jikteb lill-Minsitru għal Għawdex sabiex tingaħtalu l-kamra isfel mill-bini tal-Banca sabiex ikunu jistgħu jinqdew persuni anzjani jew persuni b'diażabilita'. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu juri wkoll li ma jaqbilx li sir ATM b'dan l-istess bini;

6.4 Jjingħata permess lill-Marsovin sabiex torganiżża Wine Festival fiċ-Ċittadella nhar it-22 ta' Awwissu 2009;

6.5 Is-Sindku u l-kunsillier Josef Schembru li huma l-aktar kunsilliera żgħażagħ jipparteċipaw f'konferenza tal-Youth in Action f'Whales. Ser jieħdu tlett żgħażagħ mill-lokalita' jirrappreżentaw iż-żgħażagħ Rabtin. Il-Kunsill ser iħallas biss 30% tal-vjaġġ għaliex il-bqija ser ikunu minn fondi tal-Unjoni Ewropea;

6.6 jsiru żewġ bankijiet fil-ġenb ta' l-ewwel post bidu ta' Triq Palma kantuniera ma Triq Repubblika u ieħor fi Triq Aġius De Soldanis;

6.7 titneħħa mill-kotba, vettura (*3 wheeler*) li m'għadiex taħdem. Din kienet tintuża fl-ewwel Kunsill sabiex jinġabar l-iskart mit-toroq dojoq;

6.8 jinħareġ permess għas-sena 2009 għall-*vending machine* tas-*soft drinks* ta' Raymond Gafa, maġenb Blokk HB f'taċ-Ċawla H.E;

6.9 titranġa l-bankina ta' quddiem l-għassa tar-Rabat u l-ispiża m'għandiex taqbeż l-€2,000;

6.10 jintalab il-permess tal-Perit David Vassallo mill-ADT sabiex isiru *parking bays* fi Triq Taħt Putirjal;

6.11 jiġu approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Lulju 2009 skond dokument b anness.

6.12 Is-Sindku ta' dettalji rigward l-element ta' sotto-kumitati li jixtieq li jinħoloq matul din il-leġislatura. Ressaq il-proposti tiegħu li jinsabu f'dokument ċ anness li fuqhom kien hemm qbil biex dawn jiġu adottati għall-Kunsill. Il-membri qablu ma din il-proposta u qablu wkoll ma aktar involviment tal-kunsilliera li jkollhom rwol speċifiku. Deċiżjonijiet finali jittieħdu dejjem mill-Kunsill.

6.13 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill ġie offrut €5,000 mill-Wasteserv bħala premju talli fir-Rabat inġabar l-akbar ammont ta' skart separat. Dan ġie kkalkulat pro-rata skond ir-residenti. Tenna li l-Kunsill għandu proposti mill-Green MT sabiex jippromwovi aktar is-separazzjoni ta' l-iskart fil-lokal. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jikkunsidra l-proposti ta' din il-kumpanija.

6.13 Is -Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Minsitru għal Għawdex fejn l-aġenda tkun, pjan għall-immaniġjar aħjar għat-traffiku f'Beltna. Hekk il-Kunsill ikun jista' jimxi fuq pjan ħolistiku fuq dak kollu li għandu x'jaqsam ma' traffiku. Il-membri qablu.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiva |